MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2002

Numru 81/1999

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

-vs-

**Emanuel Buttigieg** ta’ 70 sena, bin il-mejtin Mikiel u Roza nee’ Hili, imwieled ix-Xewkija fl-10 ta’ Jannar 1929 u li jirrisjedi fil-fond “Buttigieg House”, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija I.D. Card Nru. 6829(G)

**Carmelo Buttigieg** ta’ 44 sena, bin Emanuel u Catherine nee’ Haber, imwieled ix-Xewkija fil- 5 ta’ April 1955, u li jirrisjedi fil-fond “Xuereb House”, Garden Street, Ghajnsielem I.D. Card Nru. 2055(G)

**Raymond Buttigieg** ta’ 37 sena, bin Emanuel u Cahterine nee’ Haber, imwieled ix-Xewkija fil-25 ta’ Lulju 1962, u li jirrisjedi fil-fond “Memories”, NB, Triq Gorgun, Xewkija I.D. Card Nru. 38162(G)

**Michael Buttigieg** ta' 33 sena, bin Emanuel u Catherine nee' Haber, imwieled Victoria, Ghawdex fis-17 ta' Settembru 1965 u li jirrisjedi fil-fond Nru 63, Triq il-Kunsill Civiku, Victoria I.D. Card Nru. 32265(G)

Illum 27 ta' Frar 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-3 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' xi 4.00pm, fi Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex ksiru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmelo Vella mix-Xewkija.

U Emanuel Buttigieg wahdu talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo vElla f'periklu car ikkaguna ferita ta' natura gravi (sfregju fil-wicc) fuq l-istess Carmelo Vella, mix-Xewkija, liema ferita giet ikkagunata minn arma li taqta' u bil-ponta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikli 383 jew 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fil-konfront ta' l-imputat Emanuel Buttigieg tiddikjara l-azzjoni estinta stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza.

Fil-konfront ta' l-imputati Carmelo, Raymond u Michael Buttigieg;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati fl-udjenza tas-27 ta’ Frar 2002 ammettew volontarjament u inkondizzjonament l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Illi mill-provi ghandu jirrizulta wisq car li l-feriti kienu ta’ natura hafifa u mhux gravi.

Illi l-kwerelant irrinunzja ghal kull haga li hija rinunzjabbli.

Ghalhekk u in vista ta’ dak fuq espost.

Il-Qorti;

Qeghdha tapplika kontra l-imputati d-disposizzjonijiet ta’ l-Artiklu 383 tal-Kap 9 u torbothom biex ma jimmolestawx lill-kwerelant ghal sena mil-lum taht penali ta’ mitt lira Maltin (Lm100) kull wiehed.

--------------------------------TMIEM--------------------------------